# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 234/17 CZ**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3134) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Aldo Chetcuti (ID 617557 (M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Aldo Chetcuti**

**vs.**

1. **Awtorita ghat-Trasport f'Malta**
2. **Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Attard ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Attard**
3. **Segretarju Permanenti Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima**
4. **Direttur Generali (Taqsima Xoghlijiet u Servizzi)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi imressqa fit-3 ta' Marzu 2017 li permezz taghha ppremettew:

1. Illi s-socjeta' attrici kienet harget polza ta' l-assigurazzjoni tat-tip comprehensive fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBQ-726 di propjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, Aldo Chetcuti, hawn aktar 'l isfel imsejjjha l-'vettura ta' l-atturi';
2. Illi l-vettura ta' l-atturi li kienet misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici, Aldo Chetcuti, sofriet danni in segwitu ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Jannar 2012, fi Triq il-Kav. Vincenzo Bonello, limiti ta' H'Attard, wara illli l-vettura in kwestjoni habtet go 'traffic island' illi thalliet mghottija u minghajr dawl jew senjalagg adekwat.
3. Illi tali danni rrizultaw unikament tort ta' l-intimati jew min minnhom u minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parti taghhom jew min minnhom, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.
4. Illi ghalhekk l-intimati, jew min minnhom, ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef seba' mija u tlieta u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€4,763.82) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa w hamsin Euro (€55) l-excess payment li l-attur, Aldo Chetcuti, hallas in konnessjoni ma' dan il-kaz, u in kwantu ghas-somma ta' erbat'elef seba' mija u tmin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€4,708.82) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l–ittra ufficcjali tat-28 ta' Novembru 2013, u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Novembru 2013 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-23 ta' Mejju 2017, is-Segretajru Permanenti konvenut eccepixxa:

Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi t-terminu biex tigi pprezentata risposta qatt ma beda jiddekorri stante li rirkorrenti ma hargitx notifika fil-konfront ta' l-Avukat Generali u dan kollu ai termini ta' l-Artikolu 181B(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi preliminarjament ukoll l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur, peress li t-toroq ma jaqghux taht ir-responsabbilta' tal-Ministeru eccipjent hekk kif indikat fil-pagna 5433 tal-Gazetta tal-Gvern Numru 190,050 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. SP 1). Ghaldaqstant l-esponent jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi l-azzjoni attrici hija perenta ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-esponent jeccepixxi illi ai termini ta' l-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qeghdin jigu kkontestati u jehtieg illi jigu pruvati;

Illi l-esponent jirrileva b'enfasi li r-responsabbilta' tat-triq fejn sehh l-incident in kwestjoni mhix tal-Park Nazzjonali u li l-istess triq lanqas ma hija parti mill-area tal-Park Nazzjonali kif huwa indikat b'mod mill-aktar car fil-pjanta annessa ma' din ir-risposta u mmarkata bhala Dok. SP 2.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident in kwestjoni sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tas-sewwieq tal-vettura DBQ 726, li naqas milli jsuq fuq in-naha korretta tat-triq;

Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-23 ta' Mejju 2017 id-Direttur Generali konvenuta eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi preliminarjament jigi relivat illi d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet u l-Infrastruttura esponenti mhux il-legittimu kontradittur peress li huwa mhux responsabbli ghall-bini, manutenzjoni u zamma ta' toroq. Jigi rilevat illi filwaqt li t-toroq lokali jew *local access* roads jaqghu fil-kompetenza tal-Kunsill Lokali a tenur ta' l-Artikolu 33 ta'l-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta, kull triq ohra pubblika taqa' fir-responsabilta' ta' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u dan a tenur ta' l-istess definizzjoi ta' triq u l-artikolu 7(b) tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi fil-mertu d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet qieghed jichad it-talbiet imressqa mir-rikorrenti fil-konfront tieghu bahal infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fi Triq Kav. Vincenzo Bonello f'Ta' Qali fil-31 ta' Jannar 2012 meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBQ – 726 misjuqa mir-rikorrent Aldo Chetcuti baqghet diehla fuq *centre strip*.

Ghaldaqstant l-intimat esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi permezz ta' risposta prezentata fis-26 ta' Mejju 2017 il-Kunsill konvenut eccepixxa:

Il-Kunsill intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li t-triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax that il-gurisdizzjoni tal-kunsill intimat u dan ai termini ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap, 363 tal-Ligijiet ta' Malta.

In ogni kaz, ir-rikorrenti jridu jippruvaw l-allegazzjoni taghhom u jgibu prova cara tad-danni minnhom mitluba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta' risposta prezentata wkoll fis-26 ta' Mejju 2017 l-Awtorita' konvenuta eccepiet:

1. Illi in linea preliminari, l-Awtorita` konvenuta ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi l-Awtorita` konvenuta m'hijiex l-entita` responsabbli ghall-manutenzjoni u riparazzjoni tat-triq fejn sehh l-allegat incident, u cioe` Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello, H'Attard, u dan peress illi t-triq m'hix wahda arterjali jew distributorja.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` konvenuta tirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha kontriha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta matul is-smigh u t-trattazzjoni tat-talba.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` konvenuta m'ghandha tbati ebda spejjez peress illi hija infurmat lill-atturi dwar il-pozizzjoni taghha permezz ta' ittra datata d-9 ta' Settembru 2012.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi permezz ta' verbal fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2017 is-Segretarju Permanenti konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni filwaqt li zamm fermi l-eccezzjonijiet l-ohra.

Ra wkoll illi matul is-seduta tas-26 ta' Gunju 2017 is-Segretarju Permanenti konvenut irtira t-tielet eccezzjoni tieghu, filwaqt li d-Direttur konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, b'tali mod allura illi f'dan l-istadju l-ebda mill-konvenuti ma baqghu jinsistu la fuq il-htiega tan-notifika antecedenti l-kawza lill-Avukat Generali, u lanqas fuq il-preskrizzjoni.

Ra wkoll illi fl-istess seduta l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li tigi esebita kopja legali ta' l-atti ta' l-Arbitragg Numru 347/2013 [sic] fl-istess ismijiet tal-kawza odjerna u qablu wkoll illi dawk l-atti ghandhom jikkostitwixxu prova fl-istess kawza odjerna.

Ra wkoll ix-xiehda ta' Joseph Muscat (fol. 35), kif ukoll l-inkartament ta' l-atti ta' l-Arbtiragg numru 3437/2013 hekk kif esebit mix-xhud Dr. Fiona Galea Farrugia, Registratur tac-Centru Malti ta' l-Arbitragg fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2017.

Ra wkoll id-dokument konsistenti f'sottomissjonijiet li kien ghamel l-avukat difensur tas-socjeta' attrici fil-proceduri ta' l-arbitragg, kif ukoll ra li l-avukati difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2017 iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Sema' s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet f'dik l-istess seduta;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi x-xhud **<u>Joseph Muscat</u>** esebixxa survey report li ghamel fuq il-vettura in kwestjoni u spejga fejn kienu l-hsarat fil-vettura in kwestjoni, fejn stabbilixxa illi l-hsarat kellhom jissewwew bi spiza ta' tlett elef, hame smija u tlieta u tmenin Euro w ghoxrin centezmu (€3,583.20).

Illi x-xhud **<u>Dr. Fiona Galea Farrugia</u>** esebiet, kif intqal qabel, l-inkartament ta' l-atti ta' l-Arbitragg Numru M3437/2013 li f'dak l-istadju kien infetah mis-socjeta' attrici f'din il-kawza kontra biss l-Kunsill Lokali ta' H'Attard u l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. F'dawn l-atti hemm inkluzi rapport tal-Pulizija, is-survey report li gie esebit anke fil-proceduri odjerni, ricevuta ghall-hlas ta' kiri ta' karozza li kera l-attur, ricevuti varji ghall-hlas ta' parts u xoghol ghat-tiswija tal-karozza in kwestjoni, mapep li juru n-naha fejn sar l-incident, u anke mappa li tindika fejn sehh precizament l-istess incident, korrispondenza li giet skambjata bejn is-socjeta' attrici u l-awtorita' u kunsill konvenuti qabel l-arbitragg, ritatti tat-triq fejn sehh l-incident, kif ukoll xi estratti minn Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal ra wkoll illi b'digriet ta' l-Arbitru tat-13 ta' Jannar 2014 kienu ssejjhu fil-kawza is-Segretarju Permanenti u d-Direttur Generali konvenut.

Ra wkoll il-lodo ta’ l-Arbitru Dr. Lennart Depasquale li permezz tieghu gie deciz illi din il-kwistjoni tezorbita l-kompetenza tat-Tribunal ta’ l-Arbitragg, u konsegwentement cahad it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti f’dawn il-proceduri.

Illi t-Tribunal ikkonsidra wkoll is-segwenti xiehda li nghatat waqt l-Arbitragg:

Illi x-xhud **l-attur Aldo Chetcuti** xehed illi fit-triq li kien ghaddej minnha, fil-genb, kien hemm xi debris konsistenti f’gebel, li parti kbira minnu kienet qisha zrar. Kien qed izomm pjuttost lejn nofs it-triq, u kien ghaddej b’velocita’ ta’ madwar 50/60 kilometru fis-siegha. F’daqqa wahda sema’ hoss kbir u l-karozzia tieghu gholiet u wehlet. Skopra li kien tela’ fuq is-centre stip. La kien hemm dawl u lanqas senjaletika. Hu kien qabad it-tarf tas-centre strip u cioe’ n-naha ta’ fuq, kif jidher fir-ritratt GM 15.

Illi fis-seduta tat-2 t’Ottubru 2013 quddiem l-Arbitru, id-difensuri ta’ l-intimati rrilevaw illi l-quantum tad-danni mhux kontestat.

Illi xehdet ukoll **Marika Mifsud**, Segretarju Ezekuttiv tal-kunsill lokali konvenut, li qalet li t-triq in kwestjoni ma taqax taht ir-resposnabbilta’ tal-kunsill lokali ta’ H’Attard, pero’ lanqas ma kienet taf tindika jekk din kinitx taqa’ taht il-Crafts Village, il-Qasam Industrijali, jew l-Istejdjum Nazzjonali ta’ Ta’ Qali.

Illi xehed ukoll **Nicholas Baldacchino** li qal li l-awtorita’ konvenuta ghandha l-obbligu ta’ manutenzjoni u riparazzjoni ta’ toroq arterjali u distributorji biss, u qal li minn stharrig li ghamel jirrizulta li din it-triq taqa’ taht ir-responsabbilta’ tal-Park Nazzjonali ta’ Ta’ Qali. Meta rega’ xehed, qal li fiz-zmien relattiv ghall-incident ma kienu qed isiru ebda xoghlijiet minn ebda entita’ fit-triq, u l-awtorita’ konvenuta ma kienet harget l-ebda

premess sabiex isiru xoghlijiet.  Rega' xehed f'seduta ohra u qal li x-xoghl ta' l-asfaltar tat-triq in kwestjoi sar fuq inkarigu ta' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, peress li t-triq in kwestjoni intuzat bhala 'diversion road' meta kienu qed isiru x-xoghlijiet fuq toroq arterjali fl-inhawi.

Illi xehed ukoll **Raymond Farrugia, Direttur Generali, Taqsima Xoghlijiet u Servizzi**, li qal li d-Dipartiment minnu mmexxi m'ghandux ir-responsabbilta' tal-bini jew iz-zamma tat-toroq.  Meta rega' xehed, ix-xhud qal illi x-xoghlijiet ta' upgrading li sar bejn l-2003 u l-2007 ma sarx mid-Dipartiment tieghu.  Dawn ix-xoghlijiet saru bi thejjija ghal Triq Buqaja, liema progett kien sar minn Transport Malta.

Illi in kontro-ezami **Aldo Chetcuti** qal li ma jidhirlux li kien hemm *cats eyes*, u jekk kien hemm dawn ma kinux jidhru.  Qal li l-art kienet imxarrba u ghalhekk il-*cats eyes* ma kinux vizibbli.  Mistoqsi dwar il-fatt illi t-triq f'dak il-punt fiha xaqliba, u allura ma jzomm l-ilma tax-xita, qal li l-ilma kien gieri, ghaddej mill-gnub tat-triq.  Minn fejn kien ghaddej hu, kien qed jevita l-ilma.

Ikkonsidra ulterjorment:

Illi l-wicc tat-triq in kwestjoni dakinhar ta' l-incident kien imxarrab.  Dak il-hin ta' l-incident ma kinitx niezla xita, izda qabel kienet ghamlet, skond dak li qal l-attur.

Illi oltre hekk, fil-wicc tat-triq in kwestjoni gie stabbilit li kien hemm cats eyes li kienu jigu qabel is-*centre strip* in kwestjoni.  Dwar dan il-punt, ghalkemm l-attur ghall-bidu qal li ma kinux hemm, gie rinfaccat sussegwentement bir-ritratti li esebixxa huwa stess, u qal li jekk xejn il-cats eyes ma setghux jidhru minhabba l-ilma, haga li t-Tribunal isib li hija

difficli titwemmen, ghaliex fi kliem l-attur stess, l-ilma kien ghaddej mill-gnub tat-triq (anke jekk gieri), filwaqt li l-cats eyes kienu f'nofs it-triq, u ghalhekk mhux minn fejn kien ghaddej l-ilma. Dan apparti illi t-Tribunal ma jidhirlux li huwa kredibbli li *cats eyes* jigu invizibbli meta jkun hemm l-ilma, sakemm l-ilma ma jkunx totalment gharraqhom. F'dan il-kaz m'hemm l-ebda prova fil-fatt li kienu mgharrqa taht l-ilma, ghaliex kif inghad, l-ilma kien ghaddej biss, skond l-attur, mill-genb tat-triq.

Illi oltre dan, gie ppruvat illi l-ebda mill-awtoritajiet konvenuti ma kienu qed jaghmlu xi xoghol, jew ghall-inqas awtorizzaw li jsir xi xoghol, fit-triq in kwestjoni. Ghalhekk, ghal darb'ohra wiehed difficli jifhem kif jiccentraw l-awtoritajiet u entitajiet kollha konvenuti ladarba ma kienu qed jesegwixxu l-ebda xoghol fl-inhawi.

Illi di piu' l-attur xehed ukoll illi kien ghaddej mit-triq b'velocita ta' bejn hamsin u sittin kilometru fis-siegha. Qal ukoll illi kien ghaddej minn nofs it-triq, sabiex jevita z-zrar. It-Tribunal jinnota illi ladarba kien ghaddej minn nofs it-triq, u mhux man-naha tieghu tat-triq, l-attur kellu juza l-kawtela mehtiega u mizjuda peress li kien jaf li ghaddej f'naha tat-triq li mhuwiex permess li wiehed jghaddi minnha. Dan iktar u iktar meta l-Kodici ghat-Traffiku jaghmilha cara li wiehed m'ghandux izomm fin-nofs tat-triq.

Illi t-Tribunal osserva wkoll illi fir-ritratti esebiti mill-attur stess, ma jidher l-ebda zrar fil-gnub tat-triq. Jidher biss il-haxix tal-genb tat-triq u xejn aktar.

Illi ghandu jinghad ukoll illi jekk l-attur kien behsiebu jghaddi minn hdejn il-Muzew ta' l-Avjazzjoni, kif iddikjara huwa stess, kien wasal f'punt tat-triq fejn kien jehtieglu jdur, u allura kien jehtieglu jnaqqas mill-velocita' u mhux jibqa' ghaddej bil-hamsin jew sittin kilometru fis-siegha kif indika hu. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li s-*centre strip*

indikata tigi immedjatament qabel il-liwja biex wiehed imur lejn il-Muzew ta' l-Avjazzjoni.

Illi ghal dawn il-fatturi kollha, it-Tribunal jidhirlu li r-responsabbilta' ghall-incident hija biss ta' l-attur, u ladarba qieghed jigi dikjarat dan fuq il-mertu, it-Tribunal ma jara l-ebda htiega illi jistharreg l-eccezzjonjiet tal-legittima kontradittorjeta' imressqa mill-awtoritajiet, u kunsill konvenuti. Jerga' jinghad ukoll illi s-Segretarju Permanenti konvenut kien irtira l-ewwel u t-tielet eccezzjoni, filwaqt li d-Direttur Generali konvenut kien irtira l-ewwel eccezzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-Segretarju Permanenti konvenut, l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tad-Direttur Generali konvenut, u t-tieni eccezzjoni tal-kunsill konvenut u awtorita' konvenuta, jilqa' l-bqija ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u jichad it-talbiet ta' l-atturi.

L-ispejjez u drittjiet ghandhom jithallsu kollha mill-atturi.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur